MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 102/1997/1

Michael Attard .

vs

Paul u Lourdes konjugi Piscopo .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhomx jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta' tlett mija u sebgha u hamsin lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (Lm357.91) rapprezentanti bilanc mill-hlas dovut ghall-bejgh ta' merkanzija lill-konvenuti .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja mibghuta fit-22 ta' Ottubru 1996, tal-ittra ufficjali spedita f'Novembru 1996 u bl-imghaxijiet dovuti skond il-Ligi mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv .

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijet tal-konvenuti li eccepew :

1. Illi preliminarjament l-azzjoni attrici tinsab preskritta ai termini tal-Kodici Civili (kap. 16) 2148 et sequitur .

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenuti gia hallsu lill-attur s-somma mitluba u ghal hekk ma ghandhom jaghtu xejn lill-atturi .

3. Illi l-azzjoni attrici hi nfondata fid-dritt u fil-fatt .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat in-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tal-konvenuti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-attur qed jitlob il-hlas ghal merkanzija diversa mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuti . Il-konvenuti qeghdin *inter alia* jeccepixxu l-preskrizzjoni ta' tmintax (18) il-xahar a tenur ta' l-artikolu 2148 tal-Kap. 16 . Huwa doveruz ghalhekk illi tigi qabel xejn investigata din l-eccezzjoni, ghax jekk tirnexxi, jkun inutili li jigu kunsidrati l-eccezzjonijiet l-ohra mressqa mill-konvenuti . Il-Kodici Civili taghna jispjega f'dan ir-rigward kif :

"**Il-preskrizzjoni hija wkoll mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd ghal zmien li tghid il-ligi**." [1]

[1] Art. 2107(2) tal-Kap. 16 .

"La preskrizione e' un mezzo di acquistare o di liberarsi mediante un certo corso di tempo e colle condizioni determinate dalla legge," jghid it-**Troplong**[2] .

Billi l-hlas mitlub mill-attur bhala l-kreditur jirrigwarda l-prezz ta' merkanzija mibjugha lill-konvenuti, l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' tmintax (18) il-xahar, stipulata bl-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 li jirreferi ghall-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut, kif jidher illi huwa l-kaz fil-kawza prezenti .

Mid-dokumenti esebiti mil-attur[3], jirrizulta illi l-ammonti mitluba jirrigwardaw il-prezz ta' diversi oggetti mibjugha bejn is-17 ta' Jannar 1992 u l-24 ta' April 1992 . Il-kawza prezenti giet ipprezentata fir-Regsitru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Settembru 1997, aktar minn hames (5) snin wara, u ghalhekk ferm wara l-iskadenza tal-perijodu stipulat mill-ligi fl-artikolu hawn citat . Ghaldaqstant jekk ma jirrizultax illi dan il-perijodu gie b'xi mod interrott, din l-eccezzjoni tal-konvenuti jkollha tigi milqugha.

Il-ligi taghna tistabilixi diversi modi kif tista' ssir din l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni . Tali interruzzjoni tista' ssir b'att gudizzjarju, bir-rikonoxximent tad-debitu jew bil-pagament akkont[4] . Fil-kaz in ezami l-atttur fl-Avviz tieghu jaghmel referenza ghal xi ittra interpellatorja u ittra ufficjali mibghuta lill-konvenuti fit-22 ta' Ottubru 1996 u Novembru 1996 rispettivament . Imma ma giet provduta ebda prova illi attwalment intbaghtu dawn l-ittri u kif kellhom okkazjoni jsostnu l-Qrati taghna, "…*dak li nghad fic-citazzjoni hu mera allegazjoni u mhux prova, u l-atturi baqghu ma ppruvawx li huma effettivament ghamlu dawn l-ittri ufficcjali lil konvenut nomine*"[5] . Fi kwalunkwe kaz, dawn l-ittri anke jekk saru fid-dati ndikati, kienu certament tardivi u ma setghux jinterrompu l-preskrizzjoni li kienet gia ghaddiet a favur tad-debituri .

---

[2] Commentario Sulla Prescrizione:Napoli 1852. pag. 4
[3] dokti. MA. 1 sa MA. 6 .
[4] ara artikoli 2128 – 2136 tal-Kap. 16 .
[5] Carmel sive Lino Chircop et noe v. Alfred Falzon Sant manduca : Kummerc. 28.4.1989 vol. LXXIII. IV. 943 .

Lanqas ma rrizulta li qatt sar xi pagament akkont tul il-perijodu li kienet ghaddejja l-preskrizzjoni jew li fl-istess zmien gie rikonoxxut id-debitu mill-konvenut . L-attur fid-depozizzjoni tieghu jallega illi l-konvenut kien jitolbu jissoportieh ghax kien maghfus u jwieghed li ser ihallas, imma madankolu ma ngiebet ebda prova konkreta dwar dan l-allegat rikonoxximent da parti tal-konvenut, u l-Qorti ma tistghax tistrih fuq din is-semplici asserzjoni ta' l-attur biss biex tara jekk setghetx giet interrotta l-preskrizzjoni b'dan il-mod .

Imtella jixhed in kontro-ezami l-konvenut cahad li ghad baqaghlu jaghti lill-attur u ghalhekk lanqas jista' japplika l-*guramento decizorio* kontemplat fl-artikolu 2160(1) tal-Kap. 16 .

Ghal dawn il-motivi, u peress illi rrizulta li l-eccezzjoni tal-konvenuti dwar il-preskrizzjoni ai termini ta' l-artiklu 2148 tal-Kodici Civili hija gustifikata .

Tiddecidi l-kawza billi tilqa' din l-eccezzjoni u tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur .
S10297Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------